# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Sandra Zammit]

vs

Brian Dingli

Kumpilazzjoni Numru: 650/12

Illum, 19 ta' April 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Dingli detentur tal-karta tal-identita` numru 527271M.

Akkuzat talli, f'dawn il-gzejjer, f's-6 ta Lulju 2010 f'dawn il-Gzejjer f'xi hin bejn nofs in-har u t-tmienja ta filghaxija, b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta tharis ta regolamenti kkaguna offiza gravi liema offiza iggieb debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem lill Edward Farrugia.

U aktar talli fl'istess jum hin lok u cirkostanzi saq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita ta izjed minn ghaxar mili nawtici f'xi post 'l gewwa minn 200 metru 'l boghod minn xi parti ohra tax-xtajta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedini penali tieghu li hija netta;

Rat l-atti kollha inkluz in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata tlettax (13) ta' April elfejn u hmistax (2015) fejn gew elenkati l-Artikoli tal- Ligi ghas-sejbien ta' htija u cioe`:

(1)fl-artikolu 226(1)(a) b'riferenza ghall-fatti imsemmija fl-artikolu 225(1) u l-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2)fir-regolamenti 25 (c), 45 u t-Tielet Skeda tal-Avviz Legali 183 tal-2008 kif emendat (Regolamenti dwar Bastimenti Zghar Legizlazzjoni Sussidjarja 499.52);

(3)fl-artikoli 17, 30(1)(b), 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta dwar incident b'dghajsa fejn safa' ferut il-parte civile Edward Farrugia Wismayer meta dan kien riekeb fuq *sausage ride* flimkien ma' xi zaghzagh ohra li meta l-imputat kien qed isuq id-dghajsa li kienet qed tigbed din is-*sausage* u skont il-parte civile meta dan dar bis-sahha sar l-incident.

Illi mix-xhieda tal-parte civile <u>**Edward Farrugia Wismayer**</u> li kien il-persuna li wegga' kagun ta' dan l-incident u jghid illi fis-6 ta' Lulju 2010 kien l-Ghadira jakkumpanja numru ta' studenti barranin wara nofsinhar biex imorru fuq *sausage ride* li din tingibed minn *speed boat*. Huwa jghid illi marru fil-bajja tal-Costa del Sol u tkellem ma' certu Ronald fejn dawn ibbukkjaw *ride* li marret tajjeb u hadu gost. Izda t-tieni darba dawn meta kienu misjuqin mill-imputat Brian Dingli u li kienu xi sebgha (7) studenti ta' xi erbatax (14) jew hmistax (15)-il sena. Dan kien xi l-5.30 p.m. Huwa jkompli jghid illi din l-*ispeed boat* bdiet hierga bil-mod u wara xi zewg minuti mill-ewwel zdiedet il-velocita' b'mod konsiderevoli. Huwa jghid ukoll is-segwenti:

*"Jigifieri hafna iktar milli kien qed isuq l-ewwel darba meta morna l-ewwel ride. Kont imwerwer jiena mill-ewwel. Kienet hafna iktar fast mill-ewwel darba. Imbaghad wara xi 5 minuti mill-ewwel beda jdur anti-clockwise u clockwise u jaghmel u-turns u stajt narah idawwar l-isteering b'mod hekk aggressiv min naha ghal ohra. Jiena bdejt iktar u iktar nibza ma nafx x'ser jigri. . . .*

*Imbaghad x'hin dar f'salt, il-habel qisu ntelaq, qisu it slacked u imbaghad billi kellu magna kbira dan jigifieri, x'hin saq 'l quddiem, x'hin dar il-u-turn il-habel ingibed f'salt ovjament. . . .*

*Tirna minn fuq is-sausage ride. U llendjajt fuq studenta li hbatt wicci maghha u ksirt il-mandibula minn zewg postijiet".*

Ix-xhud jghid ukoll illi ma jafx kemm kienu 'l boghod mill-bajja meta gara l-incident izda jiftakar illi n-nies kienu jidhru mill-bajja. Fuq domanda tal-Qorti huwa zied jghid illi hu u dik l-istudenta Russa li weggghu minhabba dan l-incident. Huwa jsemmi wkoll il-

certu Owen li kien fuq id-dghajsa mal-imputat u l-funzjoni tieghu kien li jara illi fuq is-*sausage ride* kien kollox sew.

A rigward il-griehi subiti huwa jghid illi huwa dam erbat (4) ijiem l-isptar fejn sarlu intervent u wahhlulu xi pinnijiet fil-mandibola u fil-fatt saritlu operazzjoni ohra wara. Dan jghid illi Dr. Charles Swain iccertifikah illi ghandu dizabilita' ta' erbgha (4) fil-mija.

Illi fuq kontroezami li sar ftit snin wara, il-vittma kkonferma illi fl-ewwel darba s-*sausage ride* kienet hierga bil-mod, u li l-*ispeed* baqa' dejjem l-istess fuq ir-*rides* kollha. Jghid ukoll illi baqghu hergin dritt, imbaghad daru fuq il-lemin ghal xi darbtejn u rega' dahal ghal gol-bajja. Ikkonferma li ma kien hemm l-ebda element ta' *thrill* f'din id-darba. Jghid ukoll li xi whud mill-istudenti talbuh sabiex jergghu jmorru fuq dan ir-*ride* xi tliet (3) sighat wara. Meta mistoqsi jekk Ronald Agius specifikatament qallhom biex ma jeqilbux il-banana u x'istruzzjonijiet tahom jghid li ma jiftakarx. Jghid ukoll illi bhala trajjettorja hareg dritt, dar lemin u beda jdur dawra mejd u meta kienu f'nofs il-bajja gara l-incident. Huwa jghid

ukoll illi fil-mument tal-incident il-banana ma nqalbitx izda huma taru minn fuqha u hu kien qed jaghfas mat-tubi tal-gnub.

Xehed PS 1586 Ronnie Attard fejn ikkonferma bil-gurament u pprezenta l-okkorrenza (Dok. RA – fol. 24).

Xehed il-*managing director* tal-iskola Karl Farrugia Wismayer fejn dan jghid illi jigi hu l-vittma u li kkonferma li dakinhar kien baghat lil huh jakkumpanja xi studenti ghal din ir-*ride*.

Xehed ukoll Raphael Farrugia li jigi missier il-vittma fejn ikkonferma li kien mar l-isptar wara l-incident u seta' jara lill-ibnu b'geddumu la genba u ma setax ikellimhom.

Xehed ukoll it-tabib Dr. Charles Swain fejn kien ezamina lill-vittma fis-7 ta' Novembru 2011 fejn jghid illi dan kellu lacerazzjoni fuq xofftu u kellu bzonn operazzjoni fil-mandibola. Meta rega' ezaminah wara l-operazzjoni, dan kien ghad qed isofri minn xi

effetti fosthom li kellu wkoll sfregju f'wiccu. Ghalhekk tah erbgha (4%) fil-mija dizabilita' permanenti (Dok. CS)

Xehdet l-ex **Spettur Therese Sciberras** li xehdet li kienet marret fuq il-post dakinhar tal-incident u fejn kienet kellmet lill-imputat fejn kien qallha illi huwa kien ix-xufier tad-dghajsa meta gara l-incident u l-istudenti kollha bdew jghidulu biex izid l-*ispeed* u minn hemmhekk huma bdew jidbandlu deliberatament u b'hekk gara l-incident. Illi huwa qallha wkoll illi l-istudenti kellhom jiffirmaw karta qabel ir-*ride* li tikkonferma li huma kienu liebsin *seat belt* u li jekk jigri xi haga hu ma kienx ser ikun responsabbli.

L-operatur tar-*rides* u cioe' **Ronald Agius** jghid illi x-xoghol tieghu hu li jorganizza dawn it-tip ta' *rides* lil studenti madwar il-bajja tal-Ghadira. Jghid illi hu ghandu mejda fuq il-bajja sabiex hemm l-ewwel ikellem lil-*leaders* li jkunu qed jakkumpanjaw lill-istudenti u jispjegalhom il-process. Fuq l-incident huwa jghid illi kien gie guvni li rega' ried jaghmel *ride* izda qallu li din id-darba ried li l-banana tinqaleb. Shabu bdew jghidu l-istess u ghalhekk huwa tah il-karti biex jiffirmawhom minhabba xi responsabilita' ta' eventwali

accidenti. B'hekk hu jghid illi gieghelu jiffirma t-tieni darba wara li qallu biex tinqeleb. Wara jghid illi l-istudenti libsu s-*safety jackets*. Huwa jghid testwalment ukoll:

*"Imbaghad qabdet miexja 'l barra d-dghajsa u kulhadd kien f'postu. U dik titlaq ghad-dritt ghax jien ghandi launching lane u tohrog ghad-dritt. Hemm hekk rajtha li qabzet il-baga s-safra li tindika 300 metres out of the shore u bdiet ddur ghal fuq in-naha tal-lemin tal-bajja biex taqbad ghall-wisa tal-bajja u timxi ghad-dritt. . . . .*

*Fl-istess hin insejt nghid li ghabbejt leader iehor dog-dghajsa siehbu ihares lura. Malli qabzet din il-baga s-safra u qabdet ghall-wisa' tal-bajja, il-banana f'nofs ta' bajja sakemm sejjahli habib tieghi u ma nafx xi staqsieni, ghamilt hekk u rajtha maqluba. . . .*

*Malli dahlet u rajt dik il-persuna Edward li kien diga avvicinani u ried il-banana tinqaleb bid-demm hiereg minn*

*halqu, jien mill-ewwel indunajt x'gara, li dan mar fuq genb tal-banana, il-banana nizzilha, ghandi mudell ghamiltu apposta nista nurihulek. . . .*

*U mill-ewwel indunajt x'seta' gara, li meta inti l-banana tghafsilha tubu minnhom, din ser jigi tmun u jekk tibqa mdendel lagenba din ser iddur. U l-ohrajn jitilfu l-bilanc u din il-persuna bil-fors li baqghet zzomm il-handle ghax once li tibqa zzomm il-handle ser ssib ras ta' min diga segwixxa l-istruzzjonijiet li naghtih jien u infehmu kollox li jekk ser tinqaleb il-banana jitlaq idu. Dan fil-fors baqa' jzomm u mar b'halqu fuq ras haddiehor li kien diga gol-ilma u b'hekk seta sar l-incident."*

Fuq il-velocita' x-xhud jghid illi d-dghajsa ghandha magna ta' 115-il ziemel fejn din ikollha zewg min-nies fuqha u li tkun qed tigbed tmien (8) min-nies ohra fuq il-banana ma jistax ikollha velocita' kbira l-aktar hmistax (15)-il kilometru fis-siegha. Huwa jghid illi b'kollox ir-*ride* tiehu xi kwarta. Ix-xhud esebixxa id-*disclaimer forms* (Dok. RA – fol. 70).

In kontroezami x-xhud spjega li kien jaf lill-imputat zmien twil ilu u li kien jafdah kompletament peress li kien ukoll sajjied u ghalhekk kellu esperjenza twila fuq il-bahar. Jghid ukoll illi qatt ma kellu xi lmenti fuq l-imputat. Huwa jghid illi d-dghajsa kif kienet mghobbija qatt ma setghet taghmel aktar minn xi ghoxrin kilometru fis-siegha. Huwa rega' kkonferma li Farrugia Wismayer kien mar jghidlu li xtaq li l-banana kellha tinqaleb. Ghalhekk gieghelu jerga' jiffirma d-*disclaimer.* Edward Farrugia Wismayer kien riekeb fl-ahhar tal-banana bhalma jaghmel kull *leader*.

Xehed ukoll <u>Owen Bonello</u> li kien il-persuna fuq id-dghajsa jhares lejn il-banana u jghid illi Edward Farrugia Wismayer kien avvicinah sabiex jakkumpanjah fuq din ir-*ride* u jghid ukoll illi l-imputat beda jsuq b'certa velocita' u meta d-dghajsa bdiet iddur dawn l-istudenti waqghu bil-konsegwenza li Edward u studenta Russa weggghu.

Fuq konroezami huwa jikkonferma illi min imur fuq din il-*banana ride* jkollu aspettattivi li jrid jiehu gost billi ikun hemm certu eccitament u mhux semplicement *ride* sabiex tara l-bajja. Huwa

qal ukoll illi bhala trajjettorja d-dghajsa tohrog ghad-dritt, iddur fuq il-lemin imbaghad toqghod taghmel *a figure of eight* sakemm terga' tmur lura minn fejn bdiet. Jghid illi fil-mument tal-incident il-banana xxeqilbet u mbaghad ra lill-istudenti jtiru.

Xehed it-tabib forensiku nominat mill-Qorti **Dr. Mario Scerri** fejn ezamina lil Edward Farrugia Wismayer fejn ikkonferma li l-griehi tal-parte civile huma gravi *per durata* u kkonferma wkoll illi sfregju m'hemmx.

Ikkunsidrat:

Illi huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre' kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad:

*"li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni". Fil-fatt fis- sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl- ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l- gudikant irid jasal ghalih hu, li*

*wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni".*

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz <u>Miller vs. Minister of Pension</u> - 1974 - 2 ALL ER 372 fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-kaz in ezami si tratta ta' feriti gravi involontarji sancit mill-Artikolu 225 u 226(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu 225 jghid hekk:

*"Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna ...".*

Illi f'dan l-istadju ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-principji ta' dan ir-reat tal-involontarjeta' ta' dan ir-reat.

Fil-fatt fil-kawza **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef** (Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, Case no.753/2006, 17/08/2010) il-Qorti tal-Magistrati ddikjarat illi:

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh*

*unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tattraffiku da parti tal-imputat li tajjarha. Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju. Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali*

*ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut. Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili."*

L-istess ragunament kien inghata fil-kawza tal-istess Qorti diversament presjeduta bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Edward Bonnici</u> (27/10/2016), u <u>Il-Pulizija vs Rudolph Gatt</u> (03/02/2016), per Magistart Dr. Josette Demicoli fejn intqal illi:

*"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto". Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal- ligijiet, regolamenti,*

*odnijiet u simili bhal ma huma lassjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku -Kap 65, il-High Way Code - Motor Vegicle Regulations - bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi. Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:- 1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ; 2. kkaguna l- mewt ; 3. fuq persuna".*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta*

*volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil- professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

Il-gurist Taljan **Francesco Carrara** (Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.) jghid hekk dwar il-culpa:

> *"... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo** (Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67) fin-noti tieghu, jghid hekk:

> *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

U wkoll fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

*"... kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et</u>, inghad illi:

*"L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli". In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: `inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto`".*

Skond l-istess sentenza:

*"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom lelement tal-prevenzjoni."*

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** (Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71) jghid illi:

*"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do*

*something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care - whether he acted as a reasonably prudent man - is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*

Issir ukoll referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Richard Grech</u> deciza fil-21 ta' Marzu 1996 u cioe`:-

*"Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l- essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe' l-esperjenza komuni*

*ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati. "Sorgono per tal-mod," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissure queste regole, disciplinano determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possible, conseguenze nocive per i terzi. Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall' inosservanza di talune delle norme indicate. L' infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun*

*biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l' essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norma sancite daghli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323)."*

Fl-istess sentenza citata hawn fuq ta' <u>Il-Pulizija vs Saverina sive Rina Borg</u> - (Qorti tal-Appell Kriminali dec 31/07/1998) jinghad ukoll is-segwenti dwar il- culpa:

*"It-teorija klassika u tradizzjonali, dik msejha tal-Carrara, li ripetutament giet accettata u pprattikata mill-Qrati taghna, u li in linea tad-definizzjoni fuq moghtija, hi wahda soggettiva, li titlob bhala element essenzjali fid-delitt kolpuz dak tal-prevedibbilita' ta' l-event mhux volut. Kuntrarjament ghal din it-teorija soggettiva tradizzjonali, hemm it-teorija l-ohra dik oggettiva dik tal-kawzalita' materjali", jew tal-"kawzalita' volontarja efficjenti", Din it-teorija teskludi kompletament l-element tal-*

*prevedibbilita' u tippunixxi l-event bhala konsegwenza ta' kondotta ta' xi hadd li ma jkunx konfromi ma' l-esigenzi tad-dritt u tal-ligi. Skond din it- teorija, "l'evento dannoso e contrario al diritto e' punibile quando esso sia il-prodotto immediate o mediato di un atto volontario di un uomo, il quale atto, sebbene non rivolto a un fine antigiuridico, si e' esplicato con mezzi rivelatisi non normali all' idea del diritto". Ghalhekk, skond it-teorija oggettiva, abraccjata mill-Antolisei, u anke' riprodotta in parte sa certu punt f'sentenza moghtija minn din l-istess Qorti diversament ippresjeduta, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Richard Grech deciza fil-21 ta' Marzu 1996, sabiex treggi l-kulpa, hemm bzonn biss is-segwenti zewg konsiderazzjonijiet:*

*(a) li l-agent hu l-kawza efficjenti jew effettiva ta' l-event;*

*u*

*(b) li l-kondotta tieghu jew mezz minnu adoperat hu kontra l-ligi.*

*Il-kulpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli, temergi meta fil-kondotta ta' l-agent hemm l-element tan-negligenza, imprudenza, imperizja jew nuqqas ta' tharis ta' dritt. Il-kulpa l-ohra (cosciente) tirrizulta meta quddiem il-kondotta tal-agent, l-akkadut dannuz, bhala konsegwenza ghal dik il-kondotta, jidher possibli, u, b'danakollu, hu xorta jwettaq dak l-agir tieghu bl-isperanza li dak li possibbli li jigri fil-fatt ma jigrix. Din it-tip ta' kulpa (cosciente) ghalhekk hi forma ta' kulpa iktar gravi mill-kulpa normali (incosciente), cjoe` dik tal-prevedibbli imma mhux previst, u dan ghaliex fil-kaz tal-colpa cosciente, dik tal-previst hija vicin hafna ta', u tikkonfina mad-doluz."*

Fis-sentenza <u>**Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**</u> li saret referenza ghaliha aktar 'il fuq intqal ukoll is-segwenti:-

*"Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju lit-terzi. Hija kultant il-ligi*

*stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett talligi. Fejn dan il-ligi ma taghmlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita' tal-ohrajn tajba tal-istess katergorija ma kienetx tadopera fl-istess cirkustanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tarresponsabbilita' kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina ddiligenza indespensabbli biex jigu evitati s-sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxiplina l-kondotta ndividwali ihalli lok ghall-apprezzament tad-diffikultajiet u probabilitajiet tassitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkustanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienetx obbjettivament adatta ghall-kaz konkret huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunement tissejjah ic-"certezza morsli",kif distinta mic-crrtezza obiettiva tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita'. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq in-nuqqas ta'*

*impenji ghall-iskoperta tarrealta', imma fuq il-verosimiljanza soda li a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta. Dan l-istess koncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita' bejn irrizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistix ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness u allura l-event dannus johrog mill-limiti tal-imputabbilita' u jkun jirraprezenta l-fortuwitu; L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikularment jissucciedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista huwa kontinwament konfrontat minn ezigenzi, diffikultajiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."*

Illi finalment dak li l-Qorti trid tasal hu li *"il giudice deve, altresi', accertare, sulla base di indici di rimproverabilita' ed evitabilita', che una condotta appropriate avrebbe evitato l'evento. . ."* (Cassazione Penale, 12 Ottobre 2007, n. 37606 rappurtat fil-**Codice Penale e**

delle Leggi penali speciali – Annotato con la giurisprudenza (2012) Roberto Garofoli).

Illi dan l-insenjamet jghin lil din il-Qorti sabiex tikkonferma dak li ser jinghad:

i. illi l-imputat Brian Dingli huwa persuna intiza fil-procedura tal-bahar tant li kien ottjena l-licenzja marittima relattiva hekk kif giet ipprezentata fl-atti u kien ukoll sajjied;

ii. illi huwa kien qed isuq dghajsa zghira sabiex jirmonka *banana* li fuqu kien hemm persuna ohra bil-ghan illi jara l-istat tal-persuni rekbin fuq il-banana;

iii. illi sabiex isir dan l-imputat kellu bil-fors jilhaq certu velocita` sabiex din il-banana tilhaq l-ghan tieghu u jaghti pjacir lil min kien qed jirkbu. Dan mhux ikkontestat mid-difiza li sahqet hafna fuq dan il-punt;

iv. illi mill-provi prodotti ma harigx car b'kemm kien qed isuq l-imputat ezatt qabel l-incident u kemm kien 'il barra mix-xatt sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal ghall-velocita` tad-dghajsa ezatt qabel ma taru l-istudenti. Kull ma hareg mid-depozizzjoni tal-parte civile hija li dan kien qed isuq b'certa velocita` izda mit-testimonjanza ta' Ronald Agius din id-dghajsa kif kienet mghobbija ma setghetx tilhaq aktar minn ghoxrin kilometru fis-siegha. Illi di piu' l-prosekuzzjoni setghet titlob nomina ta' espert sabiex tikkonferma t-tezi taghha;

v. illi ghalhekk il-principju tal-prevedibilita` tal-akkadut min-naha tal-imputat hija l-fattur li ser tghin lil din il-Qorti sabiex tasal jekk l-imputat ghandux jinstab hati ta' negligenza, principju li johrog mill-Kapitolu 9 (Art. 226 (1)(b)) u mill istess regolamenti dwar bastimenti zghar (Art. 26) li jistabbilixxi wkoll illi persuni li jkunu qeghdin isuqu opri tal-bahar m'ghandhomx isuqu b'velocita` li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' perikolu ghall-hajja jew tista' tikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni;

vi. illi jirrizulta illi l-imputat Brian Dingli hareg mill-bajja ta' hdejn il-lukanda Mellieha Bay Hotel fil-bajja tal-Ghadira li jghidulha tal-Costa del Sol fi trajjettorja dritta biex imbaghad xaqleb ghan-naha tal-lemin. Issa fl-atti hargu zewg verzjonijiet, wahda ta' Ronald Agius fejn jghid illi l-istudenti talbuh sabiex il-banana tinqaleb u verzjoni ta' Farrugia Wismayer fejn xehed illi l-imputat beda jaghmel *a figure of eight* u b'hekk taru. Illi zewg punti ghandhom jinghadu hawnhekk i) illi l-istudenti kollha nkluz Wismayer gew spjegati u ffirmaw *disclaimer* fejn fiha kien hemm ir-regoli kollha li kellhom jadoperaw, u ii) li anke jekk temmen il-verzjoni tal-parte civile ma hareg l-ebda komportament dannuz jew kolpuz mill-imputat. Huwa ben risaput illi *banana ride* hija *ride* fejn wiehed imur fuqha sabiex jesperjenza certu ecitament u adrenalina. Illi ghalhekk qed jinghad illi l-komportament tal-imputat ma jistax jitqies bhala wiehed kolpuz u li seta' jipprevjedi xi finalita' tal-incident;

vii. illi a rigward it-tieni akkuza u cioe` tas-sewqan b'velocita` eccessiva u fuq l-element tal-prova necessarja qed tigi kkwotata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet

<u>Il-Pulizja Spettur Ramon Mercieca vs Paul William Pullicino</u>

deciza fl-4 ta' Frar 2016 (app nru 42/2014) inghad:

*"Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm 'l boghod mill-piz tal-prova rikjest millligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u per konsegwenza s-sejbien ta' htija tal-esponent tal-akkuzi addebitati lilu hija 'unsafe and unsatisfactory'. Issa meta l-appellant jitkellem dwar r-reati addebitati lilu naturalment kien qieghed jirreferi ghall-ewwel imputazzjoni biss la darba kien illiberat mill-ewwel imputazzjoni. F'kawzi ta' din ix-xorta, l-prosekuzzjoni ikollha tistrieh fuq prova li hija soggetta ghall-interpretazzjoni u dipendenti minn opinjoni da parti tal-ufficjali tal-pulizija. Dan ghaliex il-pulizija mhix mghammra b'xi tip ta apparat elettroniku li jirregistra l-ispeed allegat jew almenu xi ritratt jew video recording li*

*jista' talvolta jkun hekk indikattiv. Dan ma jfissirx illi l-opinjoni tal-ufficcjali tal-pulizija wahidha mhix bizzejjed sabiex tinstab htija, ghall-kuntrarju kif jixhdu diversi sentenzi in rigward. Ifisser izda li l-provi migjuba quddiem l-Qorti ghal kunsiderazzjoni taghha ghandu jkollhom xi punt ta' referenza li jghin lill-Qorti taghmel apprezzament ta' kif ikunu waslu ghall-dik il-konkluzjoni. Fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant ghal dak li huwa sewqan in eccess ta' 10 nodi gewwa port izda ma sabitx htija ghal dak li jirrigwarda sewqan, fi kliem iehor perikoluz. Ghad illi l-mertu tal-appell huwa s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza u mhux il-liberazzjoni mit-tieni akkuza, tali liberazzjoni hija ferm sinjifikanti ghall-kunsiderazzjoni dwar l-ewwel akkuza. Il-prova dwar it-tieni akkuza kien l-affidavit ta' PC 106 li qal li l-appellant ghadda b'velocita' kbira tant li biex waqqfuh kellhom isuqu warajh u ma riedx jieqaf fil-bidu u li pprova jikser ghal fuqhom. Dan huwa l-punt ta' referenza li rriferiet ghalih il-Qorti. Izda PC 1023 jghid biss illi d-dghajsa tal-appellant kienet 'plained' u ghaddiet minn maghhom bi speed ferm aktar minnhom meta "dak il-hin konna dehlin fil-port bi*

*speed ta' 18KM (10 nodi). Ghalhekk filwaqt illi ghall-wiehed mill- ufficcjali l-punt ta' referenza dwar speed kien l-insegwiment, dan l-istess punt ma kien ta' ebda relevanza ghall-ufficjal l-iehor tant li lanqas biss isemmieh izda jghid biss li d-dghajsa kienet 'plained'."*

Illi ghalhekk din l-akkuza ta' sewqan eccessiv ma hijiex ippruvata.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Brian Dingli** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**